MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2015

Numru 282/2013

**SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI**

**SPETTUR LOUISE CALLEJA**

**VS**

**ISSA HAYDAR AHMED SHARIF**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Issa Haydar Ahmed Sharif ta’ 32 sena, mwieled Somalja fl-1 ta’ Jannar 1983, residenti Edris, Triq il-Mimosa, Hamrun u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 43683A;

Talli fil-Hamrun nhar it-22 ta’ Marzu 2013 ghal habta tal- 10.00pm;

1) Bla ordni skont il-ligi tal-aworita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arresta, zam jew issekwestra lil Kerry Susan Thorpe kontra l-volonta’ taghha u dan bhala mezz biex tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija ta-sess taghha u li b’liema zamma jew sekwestru Kerry Susan Thorpe giet offiza fuq il-persuna taghha;

2) Bi vjolenza kontriha ikkommetta attenta vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta’ Kerry Susan Thorpe;

3) Uza vjolenza sabiex igieghel lill-istess Kerry Susan Thorpe taghmel xi haga kontra l- volonta’ taghha;

4) Ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Kerry Susan Thorpe kif iccerifikaw diversi tobba tal-isptar Mater Dei fosthom Dr Alex Carachi numru tar-registrazzjoni 5336.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu spjegati fid-dettall mill-Ufficjal

Prosekutur l-Ispettur Louise Calleja fix-xiehda taghha. Fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu 2013, wara l-hdax ta' bil-lejl (11.00 p.m.), kien cempel PC 341 Jurgi Dalli li jifforma parti mill-Iswkadra kontra l-Vizzji, flimkien ma' WPC 278 Sharona Buhagiar, fejn semghu fuq ir-radio li kien hemm bzonn xi assistenza gewwa l-Hamrun. Marru fuq il-post u dan PC Jurgi Dalli cempel lill-Ispettur Calleja wara li stabbilew il-fatti tal-kaz u saru jafu x'kien qieghed jigri. Dan fil-fatt li gara kien illi ftit qabel, kienu ghal habta tal-ghaxra u nofs (10.30) il-pulizija tal-Hamrun kienu rcevew rapport min-naha tal-Mobile Squad illi kien hemm bzonn assistenza gewwa Mimosa Street, il-Hamrun. Infatti kienu kienu l-Mobile Squad marru fuq il-post il-ghaliex kienu gew informati mill-control room tal-headquarters tal-Pulizija, illi kien hemm persuna, femminili, qieghda mal-art il-Hamrun titlob xi ghajnuna. Infatti meta marru hemmhekk sabu li kien hemm persuna ta' nazzjonalità barranija li wara rrizultat li kienet Ingliza li kienet qieghda fuq il-bankina, kienet minghajr il-qalziet ta' fuq, jigifieri

kienet bil-qalziet ta’ taht, kellha wiccha mimli bid-demm, u din irrizulta li kienet certu Kerry Susan Thorpe, li hija mwielda l-Ingilterra fit-tnejn (2) ta’ Jannar elf disa’ mija wiehed u sittin (1961). Din kienet qed toqghod iz-Zebbug, Ghawdex. Però fil-fatt hi giet mitkellma mill-ewwel mill-pulizija, u giet imsejha l-ambulanza. Il-vittma tat il-verzjoni taghha tal-incident mal-pulizija tad-distrett kif ukoll mal-pulizija li marru jkomplu jaghtu l-assistenza, jigifieri il-Mobile Squad u l-Vice Squad, u wara hija ttiehdet l-Isptar Mater Dei fejn hemmhekk inzammet.      Thorpe qalet illi kienet qieghda l-Hamrun u kellha suppost tiltaqa’ ma’ habib taghha li kienet dak iz-zmien qieghda tohrog mieghu. Hemmhekk waqt li kienet il-Hamrun iltaqghet ma’ certu Issa Haydar Ahmed Sharif, l-imputat f’din il-kawza, u li dan qalet li kien il-habib tal- tal-partner taghha, ma’ min kienet qed tiltaqa’ dak iz-zmien. Meta kienet qieghda l-Hamrun kienet tipprova taqbad mal-boyfriend taghha biex imur ghaliha u qaghdet tistenna qaghdet tistennieh biex forsi jmur ghaliha u qaghdet fil-prezenza tal-istess Issa Hajdar.      Hin minnhom bdew mexjin ukoll u kif qalet hi Issa Hajdar joqghod fi Triq Mimosa, il-Hamrun, u xhin kienet hemmhekk hija talbitu tistax tuza l-bathroom. Qalet li dahlet normali biex tuza l-bathroom però ezatt kif kienet se tohrog mill-kamra tal-banju ssib lil Issa Hajdar kompletament minghajr hwejjeg, gharwien, u dan qabez fuqha, waddabha fuq sodda li kienet fil-vicinanzi ta’ din il-kamra tal-banju, nehhielha l-qalziet ta’ fuq u prova jaghmel is-sess maghha kontra l-volontà taghha. Hi qalet li ghamlet minn kollox biex tipprova twaqqfu u hu beda jghidilha, “Int trid toqghod ghal dak li qed nghid jiena anke jekk jiena nirriskja li jiena mmur il-habs,”  “ir-Rahal Gdid,” ghax hekk kien id-diskors li qal l-imputat skond din

Kerry Susan Thorpe. Din il-verzjoni tal-vittma baqghet konsistenti anke meta l-Ispettur Calleja kellmitha fl-Isptar waqt li kienet qed tinghata l-kura, fejn kienet qed tinzamm ghal aktar osservazzjoni. Qalet illi tant ipprovat tirrezistih, u qaltlu li hi ma kellha x’taqsam xejn mieghu u ma riditx toqghod ghal dak li kien jghidilha. Qalet ukoll li anke gew fl-idejn, tant li gidmitu kemm fuq idejh kif ukoll fuq sidru. Hi qalet illi dak il-hin l-imputat sar iktar aggressiv wara li ghamlitlu hekk, infatti beda jtiha bis-sieq tant li hi spiccat b’feriti f’wiccha, inkluz frattura, tant kemm taha bis-sieq. Bdiet, xhin rat illi din bl-ebda mod ma tista’ twaqqfu u tikkalmah, hi pruvat tikkonvincih biex jaghmlilha kafè mbaghad jitkellmu wara, biex tikkalmah. Infatti mar, waqaf hu, mar jaghmlilha kafè u kien dak il-hin li hi harbet tigri minn fuq il-post u ghalhekk il-pulizija mbaghad sabuha barra minghajr il-qalziet ghaliex hi qalet li qabdet u telqet tigri ‘l barra kif kienet. L-Ispettur Calleja tkellmet ukoll ma’ certu Mr Astke u Ms. Hyle li kkonfermaw li dakinhar billejl semghu ghajjat god-dar u kif nizlu ghax id-dar qieghda fuq u isfel, kif nizlu jaraw lil din il-mara hierga tigri u li kienet qed tibki u li kellha xi demm f’wiccha. Jigifieri hawnhekk ukoll gie kkonfermat dak li kienet qed tghid Kerry Susan Thorpe.

Ghalhekk sar l-arrest tal-imputat min-naha tal-ghassa tal-Hamrun, fejn imbaghad ukoll l-imputat tkellem mal-Ispettur Jeffery Azzopardi flimkien ma’ pulizija ohra, fil-fatt l-istqarrija li qieghda esibita fil-process giet mehuda mill-Ispettur Azzopardi flimkien ma’ pulizija minn naha tad-distrett. L-imputat qal li hi u Thorpe kienu ftehmu bejniethom illi jkun hemm is-sess, jigifieri baqa’ jinsisti li hu jrid jaghmel is-sess maghha u skont hu anke hi riedet. L-Ispettur Calleja kkonfrontat lill-vittma b’din il-verzjoni, izda hi kkonfermat li, “Jiena

> fl-ebda hin,” qalet “jiena ma kellix x’naqsam xejn mieghu, semplicement hu habib tal-partner, tal-boyfriend li kont qed nara, u gara dan l-incident” u mill-ispjegazzjoni taghha wkoll gew mitkellma t-tobba biex jigi stabbilit x’tip ta’ griehi gew sofferti minnha.
>
> Fil-fatt Thorpe kienet konsistenti fil-verzjoni taghha, kif ukoll f’dak li kienet qed tghid kienet tirrifletti mill-griehi li kellha hi, u kif ukoll peress li x-xhieda okulari kkonfermaw il-verzjoni taghha tressaq l-imputat bl-akkuzi kif qeghdin dedotti.

Bhal aprovi tressqu wkoll l-istess vittma tal-kaz, Kelly Susan Thorpe, li spjegat kif graw l-affarjiet u tat l-istess verzjoni kif kienet tat lill-Pulizija u lill-Ispettur Calleja. Ix-xiehda taghha quddiem din il-qorti kienet konsistenti u cara fid-dettall. Xehdu wkoll l-Ufficjali tal-Pulizija li kienu investigaw il-kaz, u li kienu hadu r-rapport ta’ Thorpe hekk kif instabet barra fit-triq kif gia’ deskritt hawn fuq. It-tabib Alex Carachi gie prodott biex jikkonferma c-certifikat mediku esebit fil-process. Minn dan jirrisulta li Thorpe kienet sofriet minn ksur f’imnehirha, kif ukoll kienet qed issofri minn griehi ohra f’wiccha u f’idha. Xehed ukoll l-Ispettur Geoffrey Azzopardi, li kien ha l-istqarrija tal-imputat u li ha l-vrzjoni tieghu, hekk kif inhi spjegata hawn fuq. L-imputat kien qal li hu kien mar ma’ Thorpe fl-apparament tieghu u hi kienet marret hemm minn jeddha. Qal li bdew jitbewsu u f’hin minnhom gidmitu u ghalhekk kecciha ‘l barra. Cahad li kien taha xi daqqiet, u cahad li uza xi forza maghha jew li ried ikollu s-sess maghha kontra l-volonta’ taghha.

In difesa, xehed ukoll l-imputat li ta l-verzjoni tieghu, liema verzjoni hija dik riprodotta fl-istqarrija tieghu. Hu cahad li uza l-forza fuq Thorpe, u cahad ukoll li ghamel xi offiza fuqha. Qal li hu mbotta lil Thorpe wara li din gidmitu. Qal li kien ilu jaf lil Thorpe madwar erba' snin, u kienu hbieb sew ta' xulxin. Gieli giet ghandu d-dar qabel dakinhar.

Minn dawn il-fatti jidher car ghal din il-Qorti li l-akkuzi kollha jirrizultaw ippruvati skond il-ligi. Jista' jaghti l-kaz li Thorpe kienet tat impressjoni lill-imputat li riedet ftit attenzjoni jew kumpanija, izda jidher car hafna li fil-mument, hi ma riedetx ikollha x'taqsam sesswalment mieghu. Dik il-"le" kellha tfisser kollox ghall-imputat, u kieku hu wera mqar ftit rispett lejn il-habiba tieghu, kieku kollox waqaf hemm u ma kien jigri xejn minn dan kollu li gara. Izda l-imputat baqa' jinsisti maghha, tant li hi kellha tiddefendi ruhha kontrih, u hekk kif gidmitu biex taqilghu minn fuqha u timbuttah, hu rrabja maghha u taha daqqiet ta' sieq f'wiccha. Ghalhekk spiccat telqet tigri 'l barra mill-appartament minghajr il-qalziet taghha, bid-demm ma' wiccha u b'imnehirha miksur.

Ghalhekk il-Qorti ser issibu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, u sejra tikkundannah piena ta' prigunerija effettiva, tenut kont ukoll tal-fedina penali tieghu u tas-sentenzi li gia' inghata fil-passat fuq incidenti simili ghal dan in esami.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 86, 87(1)(c)(g), 88, 207, 251(1)(2), 214, 216(1)(a)(ii)(iii)(d), 28B, 49, 50 382A, 383, 384, 386, 412C, 412D, 17, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u ghaldaqstant tikkundannah piena ta' prigunerija ta' tlitt snin.

Tordna li s-sentenza moghtija fil-21 ta' Settembru 2011 fil-konfront tal-istess imputat tidhol fis-sehh, fejn kien inghata piena ta' prigunerija ta' hmistax-il xahar sospizi ghal erba' snin.

B'hekk l-imputaqt ghandu jservi erba' snin u tlitt xhur prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------